MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 4/2009

**Lawrence Camenzuli (I.D 148747M)**
vs

**Serafina Camenzuli (I.D 205249M),**
**l-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u**
**Intern Dottor Dottor Carmelo Mifsud Bonnici,**
**ir-Registratur tal-Qrati Civili s-Sur Aldo Testone,**
**u l-Avukat Generali Dottor Silvio Camilleri LL.D**
**ghal kull interess li jista' jkollu.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fis-27 ta' Jannar, 2009, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi huwa propjetarju ta' nofs indiviz (1/2) tal-fond numru sitta (6), f' Matluwa Lane, Birkirkara, liema fond residenzjali li nxtara fiz-zwieg tieghu ma' l-intimata martu Serafina Camenzuli kien id-dar konjugali taghhom it-tnejn

qabel ma ghaddew ghas-separazzjoni legali b' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

Illi l-intimata martu ipprocedit ghas-separazzjoni personali minn mieghu fis-sena elfejn u tnejn wara li ottjenit l-awtorizazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet numru 1100/2002 tal-25 ta' Gunju 2002 fejn fost l-ohrajn fic-citazzjoni li biha intavolat l-kawza ta' separazzjoni kontra tieghu tablet li hija tigi awtorizzata tghix esklussivament fid-dar matrimonjali fil-fond numru sitta (6), Matluwa Lane, Birkirkara.

Illi fil-kontro-talba li huwa prezenta flimkien man-nota ta' l-eccezzjonijiet ir-rikorrenti kien talab illi huwa jigi awtorizzat jghix esklussivament fid-dar matrimonjali.

Illi l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-31 ta' Ottubru, 2007, fis-sentenza li tat tas-separazzjoni filwaqt illi cahdet kemm it-talba ta' l-intimata martu Serafina Camenzuli kif ukoll it-talba tieghu ordnat illi wara l-perjodu ta' sitt xhur, fit-30 ta' April 2008, iz-zewg partijiet jallontanaw ruhhom mill-fond numru sitta (6), Matluwa Lane, Birkirkara, u dan kontra l-artikolu 55A(1) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jistipola b'mod car li l-Qorti meta taghti s-sentenza tal-firda ghandha, fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet tiddecidi skond ic-cirkostanzi jekk xi parti minnhom ghandhiex toqghod fid-dar taz-zwieg, u mhux tiddecidi li z-zewg partijiet jitilqu jew jallontanaw ruhhom mid-dar taz-zwieg.

Illi din id-decizjoni ghaldaqstant tmur kontra u hija *ultra vires* l-artikolu 55A tal-Kodici Civili ghax dan l-artikolu ma jaghtix il-poter lill-Qorti li tordna liz-zewg partijiet biex jitilqu mid-dar matrimonjali izda taghti l-poter biss li skond ic-cirkostanzi tiddecidi liema wahda mill-partijiet ghandha tkompli tirrisjedi fid-dar taz-zwieg.

Illi din id-decizjoni fuq rikors ta' appell tar-rikorrenti Lawrence Camenzuli giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell permezz ta' sentenza li nghatat fit-30 ta' Mejju 2008, liema qorti ikkonfermat id-decizjoni ta' l-ewwel qorti u ordnat illi l-

perjodu ta' sitt xhur kellhom jibdew jiddekorru minn din id-data.

Illi wara li skada dan il-perjodu ta' sitt xhur l-intimata l-mara tieghu intavolat kontra tieghu mandat ta' zgumbrament fil-11 ta' Dicembru 2008 a bazi tas-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) riferita hawn fuq f' dan ir-rikors.

Illi minkejja li r-rikorrent intavola kontro-mandat fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) permezz ta' rikors li gie intavolat ai termini ta' l-artikolu 283A tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) cahdet dan ir-rikors ghal kontro-mandat

Illi r-rikorrenti m' ghandux postijiet ohra fejn jabita hlief dan il-fond li kien id-dar konjugali tieghu flimkien ma' martu u m'ghandu l-ebda residenza alternattiva fejn jirrisjedi b'mod dicenti bid-dinjita' ta' persuna umana u minhabba f'hekk fil-prezent huwa jinsab bla dar u saqaf fuq rasu b' tali mod li ma jistax jghix hajtu b'mod dicenti u dinjituz.

Illi l-fatt li kemm il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell ma mxewx ma' dak li tistipula l-ligi dwar min mill-konjugi ghandu joqghod fid-dar konjugali wara s-separazzjoni u li huwa gie zgumbrat minn daru mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fuq rikors ta' martu jikostitwixxi vjolazzjoni serja tad-drittijiet fondamentali tieghu protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea ghal-Protezzjoni tad-Drittijiet u Liberajiet Fundamentali tal-Bniedem li hija parti mill-Ligi ta' Malta permezz ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 Ligijiet ta' Malta) u b'mod partikolari vjolazzjoni tad-dritt fundamentali ghar-rispett li hu ghandu jgawdi lejn il-hajja privata tieghu u ta' daru protett bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, vjolazzjoni tad-dritt tieghu li ma jigix soggettat ghal trattament inuman u degradanti protett bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, u vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu tad-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu u li ma jigix ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara

tal-kondizzjonijiet provduti bil-ligi skond l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protocol mal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

Illi peress illi m’ ghandu l-ebda rimedju ordinarju xieraq u adegwat taht ligijiet ohra peress li ezawrixxa r-rimedji kollha li ttih il-ligi biex ihares id-drittijiet tieghu.

Talab ghalhekk li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddecidi illi bl-agir ta’ l-intimati gew vjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti fosthom id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u ta’ daru protett bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, id-dritt li ma jigix soggettat ghal trattament inuman u degredanti protett bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu peress illi qed jigi privat mid-tgawdija tad-dar residenzjali tieghu fil-fond numru 6, Matluwa Lane, Birkirkara, dwar liema dar ghandu nofs indiviz.

2. Tordna u tiddecidi in linea preliminari taht l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea illi tissospendi l-effetti tal-mandat ta’ zgumbrament li gie dekretat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

3. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti li gew, li qed jigu u li se jkomplu jigu vjolati mill-intimati, fosthom billi tirrevoka l-mandat ta’ zgumbrament fil-konfront tieghu.

4. Tiffissa u tillikwida kumpens ghad-danni kollha li sofra u li qed isofri minhabba l-agir ta’ l-intimati li jikkostitwixxi vjolazzjoni serja tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimat Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u Intern u l-Avukat Generali, li *in forza* taghha wiegbu illi:

Illi minghajr pregudizzju t-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli u vessatorji u ghandhom jigu ddikjarati tali min din l-Onorabbli Qorti;

Illi bir-rispett kollu lejn r-rikorrenti, kull ma qed jipprova jaghmel dan tal-ahhar hu li jipprova juza din l-Onorabbli Qorti fil-gurisdizzjoni premessa bhala Qorti ulterjuri tal-Appell;

Illi huwa principju ben stabilit kemm fil-gurisprudenza nostrana kif ukoll dik Ewropeja li proceduri bhal dawk odjerni ma jistghux jintuzaw sabiex jigu appell meta l-kwistjoni diga giet deciza kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-istanza tal-appell;

Illi sfortunatament l-esponenti minkejja ghamel min kollox sabiex jirrintraccia l-process tal-kawza tas-separazzjoni bejn r-rikorrenti u l-intimata l-ohra sabiex jkun f'posizzjoni biex jaghmel s-sottomissjonijiet tieghu fl-istess rigward, jirrizulta li la s-sentenza u wisq anqas il-process tal-kawza odjerna ma kien disponibbli fir-Registru tal-Qrati Civili;

Illi minghajr pregudizzju qed jigi sottomess illi l-fatti relatati mal-process ta' separazzjoni b'ebda mod ma huma a konjizzjoni tal-esponenti u minhabba f'hekk l-istess esponenti qed jirrizerva d-dritt li jaghmel s-sottomissjonijiet idoneji meta u jekk jkollu l-fatti kollha a disposizzjoni tieghu;

Illi minghajr pregudizzju qed jigi sottomess illi r-rikorrenti ma sofra ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu u d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tidher li ghamlet analizi gusta tas-sitwazzjoni ottenenti f'dak z-zmien bejn il-konjugi Camenzuli sabiex l-interessi, kif ukoll d-drittijiet taz-zewg konjugi, gew fil-fatt rispekkjati fino al ultimo kemm fl-ewwel sentenza kif ukoll fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell;

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmel riferenza ghas-suespost u filwaqt li jirrizerva li jaghmel dawk s-sottomissjonijiet u jgib dawk il-provi permissibbli skond il-ligi, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad t-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-intimata Serafina Camenzuli, li *in forza* taghha wiegbet illi:

Illi t-talba tar-rikorrent ghandha bir-rispett kollu tigi michuda u dan ghar-ragunijiet segwenti;

Illi r-rikorrent intavola proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti stante li qed isostni illi d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Familja li iddikjarat is-separazzjoni tal-partijiet, u ordnat illi r-ragel jaivvaka mid-dar matrimonjali halli din tinbiegh, vjolat dritt fundamentali tieghu;

Illi nonostante s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fejn ir-rikorrent kellu johrog mid-dar matrimonjali entro sitt xhur hu kien baqa jirrifjuta li johrog sakemm l-esponenti kellha tintavola mandat ta' zgumbrament, liema mandat gie milqugh u ezegwit;

Illi l-mara bosta snin ilu kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali stante l-vjolenza u t-theddid ghal-hajjitha da parte ta' zewgha fil-konfront taghha u ghalhekk ir-ragel kien baqa' jghix god-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-mara u t-tfal, tul il-proceduri tas-separazzjoni, liema proceduri kien tawwalhom ir-ragel stante li kien anka appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Familja meta kienet ordnatu jivvaka mid-dar dak iz-zmien ukoll;

Illi l-mara ilha ssofri dawn is-snin kollha minhabba l-agir abbuziv ta' zewgha, u kienet u ghadha kostretta thallas kera ta' post alternattiv meta hija mara anzjana u ma tahdimx ghax-xogholha kien dejjem dak tal-mara tad-dar;

Illi l-mandat ta' zgumbrament gie ezegwit u r-ragel issa hareg mid-dar matrimonjali u l-mara qed tipprova issib il-bejgh ta' din id-dar;

Illi r-rikorrent intavola r-rikors kostituzzjonali ghax qed jallega li peress li gie ordnat jivvaka mid-dar matrimonjali mill-Qorti tal-Appell, sabiex id-dar matrimonjali tal-partijiet tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejniethom, kif hija s-soltu prassi f’kawzi ta' separazzjoni, gie vjolat dritt fundamentali tieghu peress li m’ghandux post fejn jghix;

Illi bir-rispett kollu l-kawza odjerna u r-rikors promotur mhuma xejn hlief tentattiv qarrieqi iehor ghall-kollox sabiex r-rikorrent jimexxielu jkompli jghix god-dar matrimonjali nonostante s-sentenzi tal-Onorabbli Qrati nostrana;

Illi jinholoq pregudizzju kbir lill-intimata kieku l-mandat ta' zgumbrament jigi irrevokat stante li hemm il-bzonn li d-dar tinbiegh u li l-partijiet isibu l-bejgh taghha u jevitaw il-bejgh bis-subbasta oltre l-fatt li jekk il-mandat jigi revokat ir-ragel jimexxielu fl-iskop tieghu li jerga jidhol lura god-dar;

Illi s-sitwazzjoni finanazjarja tar-ragel hija ahjar minn dik tal-mara stante li r-ragel baqa' jahdem bhala mastrudaxxa oltre l-beneficcji socjali li jippercepixxi, mentre l-mara mghandhiex mezzi finanzjarji lanqas biex tmantni lilha innifisha;

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent ghandha bir-rispett kollu tigi michuda, b'rizerva ghall-azzjoni ghad-danni li l-intimata qed issofri minhabba l-agir qarrieqi ta' zewgha, bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Rat illi dan ir-rikors kostituzzjonali thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti ipprezenta ir-rikors kostituzzjonali odjern wara li tilef il-kawza fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), kif ukoll fil-Qorti ta' l-Appell. Illi fil-proceduri ghall-separazzjoni personali minn ma martu ir-rikorrenti talab illi huwa jigi awtorizzat jghix esklussivament fid-dar matrimonjali.

Illi l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), fis-sentenza illi tat ordnat liz-zewg partijiet, jigifieri lir-rikorrenti u lill-martu l-intimata jallontanaw ruhhom mid-dar taz-zwieg u skond ir-rikorrenti, dan huwa kontra l-Artikolu 55 (A) (1) tal-Kodici Civili peress illi, skond ir-rikorrenti, meta l-Qorti tat is-sentenza tal-firda kellha fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet, tiddecidi skond ic-cirkostanzi jekk xi parti minnhom kellhiex toqghod fid-dar taz-zwieg, u mhux tiddecidi li z-zewg partijiet jitilqu jew jallontanaw ruhhom mid-dar taz-zwieg.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti jikkontendi illi d-decizjoni tal-Qorti tmur kontra jew ultra vires l-Artikoku 55 (A) tal-Kodici Civili.

Illi wara illi s-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell, il-Qorti ordnat illi l-perjodu ta' sitt xhur kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza ta' l-Appell.

Illi meta skada dan il-perjodu ta' sitt xhur l-intimata, mart ir-rikorrenti intavolat mandat ta' zgumbrament kontra ir-rikorrenti.

Illi ir-rikorrenti gie zgumbrat minn daru u qieghed jikkontendi illi dan wassal ghall-vjolazzjoni serja tad-drittijiet fundamentali tieghu, u b'mod partikolari vjolazzjoni tad-dritt fundamentali ghar-rispett li hu ghandu jgawdi lejn il-hajja privata tieghu u ta' daru, protett bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, vjolazzjoni tad-dritt tieghu li ma jigix soggettat ghal trattament inuman u degradanti, protett bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, u vjolazzjoni tad-dritt fundamentali

tieghu ghad-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu u li ma jigix ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku, u bla hsara tal-kondizzjonijiet provduti bil-ligi skond l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol mal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

Illi ir-rikorrenti talab, inter alia, illi l-Qorti in linea preliminari, ai termini tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tissospendi l-effetti tal-mandat ta' zgumbrament li gie dekretat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti xehed illi kien ilu jghix fid-dar matrimonjali bejn tnejn u tletin, tieta u tletin sena, u telaq minn hemm fid-29 ta' Jannar 2009 meta gie zgumbrat minn ufficjali tal-Qorti in ezekuzzjoni ta' Mandat ta' Zgumbrament ordnat mill-Qorti. Ir-rikorrenti xehed illi hu u martu kienu ilhom jippruvaw ibieghu id-dar izda ma irnexxilhomx ibieghuha.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat is-sentenza taghha (Sezzjoni Familja) tal-31 ta' Ottubru 2007, u jirrizulta illi l-Qorti ordnat illi d-dar matrimonjali flimkien mal-ghamara li hemm fiha, tinbiegh fuq is-suq liberu bi prezz ta' mhux anqas minn mitt elf lira Maltin fi zmien sitt xhur mis-sentenza, u ordnat li matul il-perjodu ta' sitt xhur il-proprjeta' tad-dar ghandha tibqa in komun u kull parti jkollha dritt tal-uzu tad-dar u abitazzjoni fl-istess. Wara l-iskadenza ta' dawn is-sitt xhur, il-partijiet gew ordnati sabiex jallontanaw ruhhom mid-dar matrimonjali.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda id-dar matrimonjali, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

Illi ir-rikorrenti fir-rikors ta' l-Appell tieghu ma ghamel l-ebda talba fis-sens illi il-Qorti tiddikjara ultra vires id-decizjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fir-rigward ta' l-ordni tal-Qorti illi d-dar matrimonjali kellha tibqa in komun ghall-perjodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza, u wara li jiskadi il-perjodu ta' sitt xhur il-partijiet kellhom jallontanaw ruhhom mid-dar illi kellha tinbiegh u ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet, izda kien biss permezz ta' dan ir-rikors kostituzzjonali illi ir-rikorrenti allega illi d-decizjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tmur kontra jew ultra vires l-Artikolu 55 (A) tal-Kodici Civili.

Illi ghal dak illi jirrigwarda id-dar matrimonjali, ir-rikorrenti fir-rikors ta' l-Appell tieghu, talab biss illi l-Qorti ta' l-Appell tawtorizzah jghix esklussivament fid-dar konjugali.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell, marru kontra l-Artikolu 55 (A) tal-Kap. 16 fid-decizjoni taghhom, il-Qorti tara illi l-Artikolu 55 (A) (1) tal-Kap. 16 jghid hekk :

"meta taghti sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha, fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet, tiddeciedi skond ic-cirkostanzi jekk xi parti minnhom ghandhiex toqghod fid-dar taz-zwieg."

Illi dwar din il-lanjanza tar-rikorrenti il-Qorti rat illi kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-Artikolu 6 tal-konvenzjoni, bl-ebda mod ma jipprospettaw xi revizjoni tad-decizjonijiet tal-Qrati Ordinarji fuq interpretazzjoni tal-Ligi. Fl-ordni guridiku taghna ma jissemma imkien t-tielet istanza u il-Qorti Ewropea tas-Strasburgu mhijiex xi Qorti ohra ta' l-Appell.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza taghha tal-14 ta' Frar 2002 fil-kawza fl-ismijiet Stephen Falzon vs Registratur tal-Qrati et, fejn il-Qorti kienet irrinfaccjata b'ilment tar-rikorrenti illi l-Qorti kienet interpretat hazin l-Artikolu 55 (A) tal-Kodici Civili, u il-Qorti f'dak il-kaz kienet

qalet illi kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni bl-ebda mod ma jipprospettaw xi revizjoni tad-decizjonijiet tal-Qrati Ordinarji fuq interpretazzjoni tal-Ligi.

Illi kif diga osservat il-Qorti aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, ir-rikorrenti meta appella mis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ma ressaq l-ebda aggravju dwar dan l-allegat ksur da parti tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 55 (A) tal-Kap. 16, u peress illi dan l-aggravju ma tqajjimx fl-istadju opportun u mal-ewwel cans li kien disponibbli bhal ma kien fl-istadju ta’ l-Appell u dan bhala mezz jew rimedju ordinarju, ma jistax ir-rikorrenti iressaq dan l-ilment ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti f’Sede Kostituzzjonali.

Illi ir-rikorrenti kien jaf b’din l-allegata vjolazzjoni meta huwa ipprezenta ir-rikors ta’ l-appell tieghu u ghalhekk kellu ir-rimedju opportun dak iz-zmien, izda ma uzahx. Din il-Qorti mhijiex Qorti tat-tielet istanza u ghalhekk ma tistax tiehu konjizzjoni ta’ dan l-ilment.

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti qieghed jallega vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghat-tgawdija tal-hajja privata u ta’ daru protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, vjolazzjoni tad-dritt tieghu li ma jigix soggettat ghal trattament inuman u degradanti protett bl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, u vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu tad-dgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu ai termini ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ikkunsidrat :

Illi huwa minnu illi d-dritt tar-rispett tal-hajja privata tad-dar u tal-korrispondenza, kif ukoll id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti huma imsemmija fl-Artikolu 8 u fl-ewwel Artikolu tal-Protocol, li jiffurmaw parti integrali mid-dritt konstantiv taghna fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi t-tgawdija ta' dawn id-drittijiet hija dejjem soggetta ghall-kwalifiki soliti fl-interess tad-drittijiet daqstant essenzjali tas-socjeta' in generali.

Ghalhekk l-Artikolu 8 huwa soggett ghar-rizervi favur is-sahha jew il-morali jew il-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor, filwaqt illi l-ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol jaghti dritt lill-Istat li jwettaq ligijiet biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta skond l-interess generali. Ghalhekk gie ritenut illi "a fair balance had to be struck between the competing interests of the individual and the community as a whole". (Vide il-kaz "Stjern vs Finland" (1994) 24 EHHR, 194, para 38) fejn gie
rikonoxxut id-dritt ta' l-Istat li posittivament jipprovdi "to relieve the parties to a marriage from the obligation to live with one another" u "to provide an effective and accessible remedy for protection of one family member from the threats of violence of another" (Vide Airey vs Ireland (1979).

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti ma tarax kif ir-rikorrenti jista jirnexxielu jipprova illi gew vjolati id-drittijiet tieghu kif prottetti bl-Artikolu 8 u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u d-dritt ghat-dgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu, meta gie ripetutament rikonoxxut id-dritt ta' l-Istat
taht is-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 8 li jindahal, fil-parametri tal-ligi, fil-hajja privata u familjari.

Illi fir-rigward ta' l-indhil minn Awtorita' Statali fit-dgawdija tal-proprieta meta dan l-indhil isir fl-interess pubbliku u fejn din il-privazzjoni hija kontemplata mill-ligi u fil-principji generali tad-dritt internazzjonali u meta tezisti disposizzjoni fil-ligi nazzjonali li hi accessibbli u cara illi tipprotegi minn xi abbuz arbitrarju, ma jistax jirrizulta ksur ta' l-imsemmija drittijiet fundamentali.

Illi hija prassi normali illi il-Qorti, tordna li d-dar matrimonjali, tinbiegh u r-rikavat jinghata lil xi hadd mill-konjugi, jew lit-tnejn li huma imma bhal fil-kaz odjern, jew illi l-Qorti fis-sentenza taghha tipprovdi illi xi hadd mill-konjugi jibqa jghix fid-dar matrimonjali.

Illi una volta illi dan l-allegat tfixkil fid-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti fl-Artikolu 8 u fl-ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea huma sanciti bil-Ligi u huma wkoll konformi mad-dritt internazzjonali, peress illi l-Ligijiet ta’ diversi pajjizi ohrajn demokratici jipprovdu ghall-mizuri identici jew simili, allura il-mizuri mhux talli ma jilledux id-drittijiet fundamentali izda huma mizuri necessarji u vitali.

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti ilmenta wkoll illi gie lez id-dritt fundamentali tieghu kif protett fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, u cioe’ id-dritt illi ma jigix soggettat ghal trattament inuman u degradanti.

Illi l-Qorti tara illi l-Qorti ta’ Strasburgu dejjem interpetat dan l-Artikolu bhala li jirreferi ghal xi haga li teffettwa l-inkoluminita tal-persuna.

Illli fil-kaz “Ireland vs United Kingdom" deciz fit-18 ta’ Jannar 1978, il-Qorti ta’ Strasburgu iddecidiet illi jkun hemm trattament inuman meta jkun hemm "The infliction of intense physical or mental suffering", filwaqt li trattament degradanti jinkludi "ill treatment designed to arouse in victims feeling of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance", cirkostanzi li kjarament ma jinkwadrawx ruhhom fil-fatti speci tal-kaz odjern.

Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tirrispingi l-ilmenti tar-rikorrent illi gew lezi id-drittijiet fundamentali tieghu kif prottetti fl-Artikolu 3, 8 u l-Ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti tordna u tiddeciedi, taht l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, illi tissospendi l-effetti tal-mandat ta’

zgumbrament li gie dekretat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) il-Qorti, filwaqt illi tirreferi ghall-argumenti legali minnha imsemmija aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat u specifikatament illi ir-rikorrenti messu ghamel din it-talba fil-Qorti ta’ l-Appell u mhux lil din il-Qorti f’Sede Kostituzzjonali, u peress ukoll illi ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta’ illegalita jew ta’ ingustizzja jew ta’ zball manifest, mhijiex ser tiddisturba l-esercizzju ta’ diskrezzjonalita’ ta’ l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni, anke peress illi din il-Qorti certament mhijiex it-tielet Qorti ta’ l-Appell, kif donnu qieghed jahseb ir-rikorrenti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti taqta u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali billi filwaqt illli tilqa l-eccezzjonjiet kollha tal-intimat Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u Intern u Avukat Generali u tilqa l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimata Serafina Camenzuli, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti; Bl-Ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------